MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 41/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Calleja)**

**Vs**
Noel Tanti

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 t'Awissu 2005, ghall-habta tal-5.20 p.m. fi Triq Zammit Clapp, Pieta' :**
**1) hebb ghal Sylvana Tanti w skond kif iccertifika Dr. Mark Rosso MD ikkaguna griehi ta' natura hafifa;**
**2) ma obdiex l-ordni jew naqas jikkonforma ruhu mal-ordni tal-Qorti mahruga mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D li ffirma fil-11/2/05 li obbliga ruhu li jzomm il-kwiet u l-bon ordni ma' Sylvana Tanti w li jekk jonqos li jaghmel dan obbliga ruhu li jhallas penali ta' LM50.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 339(1)(e) u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' kif akkuzat u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravvji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- 1. li t-tieni akkuza hija ibrida, maghmula bicca minn kontravvenzjoni w bicc' ohra minn parti ohra tal-Kodici. Ir-reat kif miktub fic-citazzjoni ma jezistix. 2. Ix-xhieda tat-tabib saret bl-affidavit li qatt ma gie notifikat lill-appellant. Skond l-art. 646 (7), certifikat jiswa bhala prova dwar fatt mediku, pero' fl-ewwel lok irid ikollu r-rekwiziti kollha msemmija fil-ligi w it-tieni l-partijiet iridu jkunu f' qaghda li jikkontroezaminaw jekk iridu. Dan ma kienx possibbli f' dan il-kaz. Dan id-dritt tal-kontroezami hu protett mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan kien importanti ghad-distinzjoni bejn ferita hafifa w ferita hafifa w ta' ftit kont. 3. Dwar il-fatti l-appellant bl-ebda mod ma sawwat lill-kwerelanti w jekk stess ghal-grazzja tal-argument kellu jinghid li gie pruvat is-swat u li min dan is-swat kien hemm il-ferita, dan kien kaz ta' legittima difeza ta' haddiehor u cioe' tat-tifel. Jekk dan ma kienx il-kaz kien hemm l-element tal-provokazzjoni, in subordine. Dwar il-piena jekk it-tieni reat kellu jigi kunsidrat bhala ksur ta' garanzija li kienet ghadha valida, allura l-piena kienet preventiva fis-sentenza originali u fl-ammont fl-istess sentenza. Dwar il-piena karcerarja hemm il-*giusto dolore* u din il-piena ssalbu (Sic!) fuq it-tifel li gie fdat lilu w jiehu hsiebu.**

**Semghet ix-xhieda fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2006;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi x-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej:-**

PS 860 KEITH CARUANA **xehed li fl-24 t' Awwissu, 2005, f' xil-5.45pm, kien irceva rapport minn-Noel Tanti, li qal li kien ha it-tifel Jonathan ta' tlittax il-sena lura w li dan kien gie msawwat minn ommu. Qallu li t-tifel kien harab ghax ma kienx ried imur ma ommu gor-razzett fejn kien ikun hemm il-habib taghha. Kienet giet l-omm fejn il-car u hu mbuttaha biss minn wiccha mit-tieqa w telaq. Hi bdiet tghidlu *"Tini ha tpaxxini."* Meta kellem lil Sylvana Tanti, din qaltlu li kienet marret tigri wara t-tifel Jonathan ghax ma riedx imur maghha w zewgha, l-appellant, kien hareg mill-car ghaliha w beda jxejjer *left, right and centre*. Kellha sinjali homor f' wiccha. Meta kellem lit-tifel dan kien qallu li kien cempel lil missieru fuq il-mobile.**

SYLVANA TANTI **xehdet li t-tifel li kellu erbatax il-sena, kien hareg mid-dar jigri w hi marret warajh. L-appellant zewgha kien fil-car u binha beda jdur mal-car u qabel ma dahal beda' jitmieghek mall-art u barax ghajnejh, fejn gara dan hi ma tafx. Nizel l-appellant mill-car u beda jatiha bil-ponn mghaqqad minn gewwa u minn barra. Dak il-hin ma tkellmux . Ikkonfermat l-awtenticta' tar-ritratti esebiti w spjegat li r-ritratt fejn hi tidher bil-flokk blu ittiehed wara hmistax il-jum. Ir-ritratt fejn hi tidher bil-flokk abjad ittiehed l-ghada tal-incident pero'. Fl-ahhar zewg ritratti hi tidher li ghandha *black eye* bid-daqqiet li qalghet fl-incident. Ghamlet riferenza ghac-certifikat mediku a fols. 15 u**

**16 tal-process u s-sentenza fejn l-appellant tpogga taht garanzija, a fol. 26.**

**In kontroezami ix-xhud qalet li ghalkemm anki hi kienet taht garanzija, imma hi qatt ma kisritha. It-tifel kien cempel lil missieru fuq il-mobile phone. l-appellant kien ipparkjat fit-triq taghha u kien ghadu kif waqaf tul ta' xi tlitt jew zewg karozzi 'l boghod mid-dar taghha. It-tifel kien xi tlitt metri 'l quddiem minnha. L-appellant kien staqsa lit-tifel : *"Dik x' ghandek hemm?" u* t-tifel wiegbu *: "Dik hi ghamliethieli."* Dak il-hin l-appellant fetah il-bieba w nizel jatiha. Hi fl-ebda hin ma waqghet.**

DR. MARK ROSSO **beda biex ikkonferma c-certifikat tal-24 t' Awwissu, 2005 li hu hareg mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana w kkonferma li Sylvana Tanti kellha tbengila ta' diametru ta' 7 centimetri fuq haddejha tal-lemin u qal li tista' tkun dik li tidher fir-ritratt. Din kienet ferita ta' natura hafifa, *save complications*. Hu pero' ma kienx rega' raha lil Mrs. Tanti. Kellha ukoll tbengila fuq il-quddiem tax-xedaq tal-lemin. Ilmentat ukoll minn ugiegh fuq in-naha ta' wara tal-ghonq. Il-ferita fuq il-haddejn kienet kompatibbli ma waqa'.**

L-APPELLANT **minn jeddu xehed li hu kien halla lit-tifel Jonathan ma martu Sylvana Tanti. Ftit wara cempillu ibnu w qallu *"Daddy ejja ghalijja."* u ma wegbux aktar meta rega' cempillu. It-tifel beda juza *tape recorder* li ghandu fuq il-mobile phone. Hu mar ghat-tifel u, meta wasal, ra lit-tifel gej jigri w hi tigri warajh. It-tifel kellu girfa bid-demm u xi marka taht ghonqu w qallu li din kienet ghamlithielu ommu. Nizel biex irikkeb lit-tifel u qalilhom *"Aqtawha.*" Qabad lil martu minn wiccha w imbuttaha w hi bdiet tgidlu *"Tini ha tpaxxini."***

JONATHAN TANTI **xehed li kien mar ghand ommu w wara xi hames minuti tatu naqra *orange* u hu ma hadhiex. Qaltlu biex imorru r-razzett u hu ma riedx imur. Ommu qabditu w kaxkritu. Fethet l-antiporta w sabbtitlu wiccu mal-bieb. Hu harbilha. Ipprova jaqbad**

**lil missieru fuq il-mobile phone u dan gie wara xi kwarta. Waqt li kien niezel in-niezla ommu waqghet. Missieru waqqafhom u dak il-hin l-appellant imbuttaha bil-goff minn wiccha w hi ma messitux. Wara missieru hadu ghand it-tabib. Meta hu rikeb fil-car, ommu marret fuq in-naha ta' missieru li meta mbuttaha kien barra l-van.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-ewwel zewg aggravji li huma msejjsa fuq punti ta' dritt jigi osservat is-segwenti :-**

**Illi l-aggravju dwar l-tieni mputazzjoni jidher fondat fis-sens li l-ksur tal-garanzija, jekk kellu jirrizulta, se mai jista' jaghti lok ghal rikors quddiem il-Qorti li imponietha biex umbaghad hi tkun tista' tattiva l-multa imposta fil-kaz ta' non osservanza tal-obbligazzjoni assunta mill-garanti. Pero' dan il-ksur ma jkunx jikkostitwixxi reat gdid prosegwibbli mil-prosekuzzjoni f' kawza gdida. L-appellant ghandu ragun meta jghid li dar-reat ma jezistix kemm kif redatt kif ukoll anki kieku kellu jiftiehem biss li l-appellant kiser l-obbligazzjoni imposta fuqu bl-artikolu 383 (1) tal-Kap.9. ghax dan ma jaghtix lok ghall-akkuza gdida fi proceduri godda.**

**Dwar it-tieni aggravju, issa, li quddiem din il-Qorti deher u xehed Dr. Mark Rosso li kkonferma c-certifikat mediku esebit u l-affidavit tieghu w seta' jigi kontroezaminat mill-appellant u d-difensur tieghu, jidher li l-eccezzjoni dwar l-ammisibilita' ta' dan ic-certifikat u affidavit tisfuma fix-xejn, kif ukoll tisfuma fix-xejn kull accenn ta' lanjanza ta' natura kostituzzjonali li, fic-cirkostanzi, tkun biss wahda frivola u vessatorja w qed tigi ghal kull buon fini hekk dikjarata w respinta.**

**Illi dwar il-mertu, anki jekk wiehed kellu joqghod fuq il-versjoni moghtija minn iben l-appellant – li xejn mhu simpatetiku lejn ommu – u fuq il-versjoni tal-appellant innifsu, jirizulta abbondantement li l-appellant hebb**

**ghall-martu w imbuttaha minn wiccha bil-goff, meta din bl-ebda mod ma kienet qed tmisshu jew taggredieh u din il-Qorti hi sodisfatta sal-grad tac-certezza morali li t-tbengil f'wicc Sylvana Tanti li rriskontra Dr. Rosso u li kien jammonta ghall-offiza ta' natura hafifa, kien proprju dovut ghall-dan il-kuntatt "goff" li kien hemm bejn id l-appellant u wicc martu li ddeskriva Jonathan Tanti w li l-appellant jammetti.**

L-argument tal-appellant li dan sar in legittima difeza ta' ibnu hu ghal kollox infondat ghaliex, anki jekk hu veru li martu kienet sawtet lil binha hin sew qabel, meta, skond it-tifel, kaxkritu w sabbtitu mall-antiporta, kien ghadda intervall ta' xi kwarta bejn dan il-fatt u meta dahal fix-xena l-appellant. Ghalhekk dak il-hin it-tifel ma kienx qed jissubixxi xi aggressjoni gravi, ingusta jew inevitabbli u zgur li ma kienx qed jiffaccja xi perikolu attwali w imminenti, anki jekk jigi accetat li l-omm kienet qed tigri wara it-tifel fit-triq ghax skapriccha w riedet taqbdu.

**Din il-Qorti lanqas ma hi propensa li taccetta li l-appellant jista' jibbenefika mid-difiza tal-provokazzjoni fic-cirkostanzi ghaliex ma jirrizultax li kien hemm xi raguni biex hu jigi provokat biex hu jimbotta lil martu minn wiccha . Ma jirrizultax li lilu qaltlu xi haga li biha offendietu jew messietu w ghalhekk kull kuntatt fiziku bejnu w bejn martu kien *"uncalled for"* . F'kull kaz ma jidhirx li kienu jikkonkorru l-elementi li trid il-ligi biex tirmexxi d-difiza tal-provokazzjoni.**

**Ghalhekk dawn l-aggravji qed jigu respinti.**

**Illi dwar il-piena, la darba l-appellant qed jinstab hati biss tal-ewwel imputazzjoni, jidher li hemm lok ghall-temperament fil-piena kif ser jinghid.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannat lill-**

**appellant ghal xaharejn prigunerija w minnflok tiddikjara li t-tieni imputazzjoni ma tikkostitwix reat *per se* u tikkundannah ghall-multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) li jekk ma jithallsux minnufieh jigu konvertiti f' erbghin (40) jum prigunerija skond il-ligi, u dan salv u bla pregudizzju ghal kull passi li jistghu jittiehdu kontra l-appellant ghall-hlas ta' penali ghal ksur ta' xi obbligazzjoni minnu assunta skond l-artikolu 383 (1) in forza tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar, 2005 u fid-dawl ta' din is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------